# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 615/15 DMA**

**Tamsin Crookshank u Alvin Pace**
**(ID 22664A u 751560M)**

**Vs**

**Yana Ivanova u Alex Latino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2015 fejn l-atturi talbu illi l-ammont mitlub ta' tmien mija u ghaxar ewro (€810) jirrapprezenta l-bilanc li faddlilhom ihallsu l-intimati fuq kontijiet tad-dawl u tal-ilma waqt l-okkupazzjoni taghhom tal-fond 171 B'kara Road, San Gwann mikri lilhom skond skrittura datata 15 ta' Mejju, 2012.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u kif ukoll dawk extra gudizzjarji u bl-interessi skond il-ligi kontra l-intimati, bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Il-konvenuti pprezentaw risposta fit-28 ta' Awissu, 2015 fejn eccepew illi ebda flejjes ma huma dovuti mill-konvenuti.

Ghaldaqstant it-talba ghandha tigi michudha bl-ispejjez kontra taghhom.

Xehed Alvin Pace fejn spjega l-ammont li qed jitlob u pprezenta dokumenti li jikkonfermaw it-talba tieghu.

Il-konvenuta Yana Ivanova spjegat illi hi ghandha kontestazzjoni fuq l-ewwel ricevuta u spjegat illi hi minbarra it-tmien mitt ewo (€800) imnizzla f'din ir-ricevuta kienet hallset mitejn ewro (€200) deposit meta marret tara l-post u kienet mitlubha thallashom biex izzom il-post ghaliha. Spjegat ukoll illi fl-ircevuta numru hamsa (5) l-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kienet hallsithom ukoll. Qalet ukoll ill li kieku l-ARMS kienu nfurmati l-kont kien jigi ferm inqas minn dak mitlub.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-atturi kienu kredibbli fix-xhieda taghhom u spjegaw l-ammont mitlub minnhom. It-Tribunal jemmen il-verzjoni tal-atturi.

Min-naha l-ohra dwar il-fatt li l-post ma giex irregistrat li qed jintuza minn zewg (2) persuni t-Tribunal huwa tal-fehma illi kien fl-interess tal-konvenuti li jinfurmaw l-ARMS li zewg (2) persuni qed jirrisjedu fil-post.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' tmien mija u ghaxar ewro (€810) lill-atturi.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**